**PARLAMENT TA' MALTA**

**Mistoqsijiet Parlamentari**

Parlament Leġiżlatura XV

Seduta Numru 6

L-Erbgħa, 1 ta' Lulju, 2026 fl-4:00 p.m.

## MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET ORALI

### MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, IT-TEKNOLOĠIJA U PROĠETTI STRATEĠIĊI – ĦADDIEMA ĠODDA

**7. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il persuna ġdida daħlet taħdem fid-dekasteru tiegħu minn Jannar 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma xahar b'xahar?

22/06/2026

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 6
01/07/2026

### MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI U L-VOLONTARJAT – ĦADDIEMA ĠODDA

**8. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid kemm-il persuna ġdida daħlet taħdem fid-dekasteru tagħha minn Jannar 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma xahar b'xahar?

22/06/2026

**ONOR. JULIA FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tlabt biex tinġabar l-informazzjoni.

Seduta Numru 6
01/07/2026

### MINISTERU GĦAL GĦAWDEX – ĦADDIEMA ĠODDA

**9. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il persuna ġdida daħlet taħdem fid-dekasteru tiegħu minn Jannar 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma xahar b'xahar?

22/06/2026

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed tinġabar u tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 6
01/07/2026

### MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U L-ISPORT – ĦADDIEMA ĠODDA

**10. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il persuna ġdida daħlet taħdem fid-dekasteru tiegħu minn Jannar 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma xahar b'xahar?

22/06/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li l-informazzjoni qed tinġabar.

Seduta Numru 6
01/07/2026

**MINISTERU GĦALL-ENERĠIJA, L-AMBJENT U R-RIĠENERAZZJONI TAL-PORT IL-KBIR – ĦADDIEMA ĠODDA**

**11. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni -Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm-il persuna ġdida daħlet taħdem fid-dekasteru tagħha minn Jannar 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma xahar b'xahar?

22/06/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Tlabt biex l-informazzjoni tinġabar.

Seduta Numru 6
01/07/2026

**MINISTERU GĦALL-FINANZI – ĦADDIEMA ĠODDA**

**12. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il persuna ġdida daħlet taħdem fid-dekasteru tiegħu minn Jannar 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma xahar b'xahar?

22/06/2026

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 6
01/07/2026

**STRATEĠIJA NAZZJONALI TA' KONTRA L-FAQAR U L-ESKLUŻJONI SOĊJALI 2024**

**40. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Fid-dawl li l-Istrateġija Nazzjonali ta' kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali skadiet fl-2024, jista' l-Ministru jgħid meta ser tiġi mnedija l-istrateġija nazzjonali li jmiss?

22/06/2026

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex tirreferi għat-tweġiba li ngħatat lill mistoqsija 35106 fis-Seduta 451 tal-XIV-il leġislatura.

Seduta Numru 6
01/07/2026

**NATIONAL STRATEGIC POLICY FOR POSITIVE PARENTING 2016 - 2024 - OBJETTIVI**

**41. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jgħid x'kienu l-objettivi li ntlaħqu jew li ma ntlaħqux fin-National Strategic Policy for Positive Parenting 2016 - 2024?

22/06/2026

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex tirreferi għat-tweġiba li ngħatat lill-mistoqsija 35107 fis-Seduta 451 tal-XIV-il leġislatura.

Seduta Numru 6
01/07/2026

**NATIONAL STRATEGIC POLICY FOR POSITIVE PARENTING 2016 - 2024**

**42. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Fid-dawl li n-National Strategic Policy for Positive Parenting 2016-2024 skadiet fl-2024, jista' l-Ministru jgħid meta ser tiġi mnedija l-istrateġija nazzjonali li jmiss?

22/06/2026

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li, kif spjegajt f'April 2026, bħalissa għaddejjin b'diskussjonijiet bil-għan li tiġi ffinalizzata l-istrateġija nazzjonali li jmiss.

Seduta Numru 6
01/07/2026

**PERSUNI LI QEGĦDIN JIRREĠISTRAW - XOGĦOL**

**43. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm persuni:
i. li għandhom 'il fuq minn 50 sena;
ii. li kienu qed jagħmlu programm ta' riabilitazzjoni għad-droga;
iii. li huma rreġistrati bħala homeless; u
iv. li skontaw sentenza ta' priġunerija,
li ma sabux xogħol matul 2026, sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, minkejja li kienu qegħdin jirreġistraw?

22/06/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni ser tingħata f' seduta oħra.

Seduta Numru 6
01/07/2026

**PERSUNI VULNERABBLI LI QEGĦDIN JIRREĠISTRAW - XOGĦOL**

**44. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm persuni vulnerabbli
i. li għandhom 'il fuq minn 50 sena;
ii. li kienu qed jagħmlu programm ta' riabilitazzjoni għad-droga;
iii. li huma rreġistrati bħala homeless; u
iv. li skontaw sentenza ta' priġunerija,
li kienu qegħdin jirreġistraw għax-xogħol u sabu xogħol matul l-2026, sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

22/06/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni ser tingħata f' seduta oħra.

Seduta Numru 6
01/07/2026

**PERSUNI LI QED JIRREĠISTRAW GĦAX-XOGĦOL - SKEMI U INĊENTIVI GĦAL MIN IĦADDEM**

**45. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid xi skemi u inċentivi hemm għal min iħaddem, biex persuni li qegħdin jirreġistraw għax-xogħol, ikollhom opportunitajiet aħjar biex jaħdmu, b'mod partikolari:
i. persuni li għandhom 'il fuq minn 50 sena;
ii. persuni li kienu qed jagħmlu programm ta' riabilitazzjoni għad-droga;
iii. persuni li huma rreġistrati bħala homeless; u
iv. persuni li skontaw sentenza ta' priġunerija?
Jista' jgħid ukoll kemm huwa faċli jew diffiċli għal min iħaddem biex jirrikorri għal dawn l-iskemi?

22/06/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Jobsplus għandha diversi skemi u inċentivi għal min iħaddem, biex persuni li qegħdin jirreġistraw għax-xogħol, ikollhom opportunitajiet aħjar biex jidħlu fid-dinja tax-xogħol.
L-iskema tal-Mature Workers, hija mmirata għal min iħaddem persuni li għandhom 'il fuq minn 45 sena (sa 65). Biex min iħaddem jikkwalifika għal din l-iskema, l-impjegat irid ikun ilu jirreġistra fuq l-ewwel jew it-tieni parti tar-reġistru għal 6 xhur konsekuttivi qabel ma dan ikun sab l-impjieg. Barra minn hekk iż-żmien ta' meta waqaf mir-reġistrar u meta sab l-impjieg ma jridx jaqbeż 15-il ġurnata.
Jekk il-persuna li se jħaddem ikollha l-kriterji meħtieġa, min iħaddem jibbenefika minn tnaqqis ta' taxxa ta' €11,600 fuq perjodu ta' sentejn, li jfisser tnaqqis ta' €5,800 kull sena. Barra minn hekk, jekk min iħaddem joffri taħriġ lill-impjegat u jkun "outsourced " jista' jibbenefika ukoll minn tnaqqis ta' taxxa addizzjonali. Dan it-tnaqqis huwa ta' 50% ta' kemm jiġi jiswa t-taħriġ u jista' jieħu sa massimu ta' €400 għal kull impjegat.

Jobsplus toffri wkoll l-iskema tal-Bridging the Gap lill-persuni b'diżabilità u vulnerabbli fosthom individwi:
- Li kienu qed jagħmlu programm ta' riabilitazzjoni għad-droga;
- Li huma rreġistrati bħala homeless;
- Li skontaw sentenza ta' priġunerija,
- Li jattendu d-DETOX
- Li għandhom is-sapport ta' social worker, probation officers,
- Persuni b'diżabilità,
- Oħrajn li għandhom diffikultajiet ta' saħħa mentali, u
- Każijiet soċjali oħra.

Din l-iskema tiffaċilita t-tranżizzjoni għall-impjieg għal min qiegħed ifittex xogħol billi tiġi provduta esperjenza u taħriġ prattiku fuq post tax-xogħol skont il-bżonn. Dan it-taħriġ jgħin biex l-individwi jiksbu tagħrif, kapaċitajiet u kompetenzi li huma bżonjużi biex jinstab u jinżamm l-impjieg.
Fil-perjodu miftiehem ma' Jobsplus, min iħaddem ikollu l-opportunità li jevalwa l-ħiliet u l-progress tal-persuna fuq il-post tax-xogħol, b'sapport kontinwu min-naħa ta' Jobsplus u Lino Spiteri Foundation. L-għan aħħari huwa li persuni vulnerabbli msemmija hawn fuq jiġu impjegati wara l-parteċipazzjoni tagħhom f'din l-iskema. Matul il-perjodu miftiehem, il-persuni jingħataw għotja fil-ġimgħa minn Jobsplus, ekwivalenti għal 80% tal-paga minima nazzjonali.

L-iskema tal-Work Exposure tassisti lill-persuni li huma bla xogħol biex jakkwistaw il-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa għal xogħol partikolari permezz ta' taħriġ prattiku fuq il-post tax-xogħol. Matul il-perjodu tal-iskema, l-individwi jirċievu għotja ta' taħriġ li tvarja bejn il-paga minima u €7.50 fis-siegħa skont it-titlu ta' xogħol li wieħed jagħżel. Biex persuna tikseb ċertifikat fl-aħħar tal-iskema trid tkun minn tal-inqas attendiet 70% tas-sigħat. Is-sigħat li wieħed irid jattendi jvarjaw bejn 200 u 280-il siegħa skont ix-xogħol li wieħed jagħżel biex jitħarreġ fuqu. Min iħaddem ikollu l-opportunità li jevalwa l-ħiliet u l-progress tal-persuna fuq il-post tax-xogħol. Din l-iskema hija kofinanzjata mill-Fond Soċjali Ewropew Plus (ESF+). Din l-iskema tikkumplimenta l-iskemi u inizjattivi msemmija hawn fuq li huma speċifikament mmirati għall-gruppi vulnerabbli.
Jobsplus tassisti wkoll lil min iħaddem permezz ta' sapport u gwida fil-mili tal-applikazzjonijiet ta' dawn l-iskemi. Dawn l-applikazzjonijiet jinstabu fuq is-sit elettroniku ta' Jobsplus, u għaldaqstant mhux diffiċli għal min iħaddem biex jirrikorri għalihom. Sapport ieħor jingħata lil min iħaddem mis-sezzjoni ġewwa Jobsplus li tassisti lil dawn il-gruppi vulnerabbli biex tiffaċilita kemm jista' jkun il-proċessi t'impjieg.
Dawn il-miżuri kollha jikkontribwixxu biex in-numru f'impjieg ta' persuni vulnerabbli jkompli jiżdied.

Seduta Numru 6
01/07/2026

**RESIDENTIAL PARKING**

**102. L-ONOR. MICHAEL PICCININO** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid liema huma l-lokalitajiet f'Malta fejn hemm sistema ta' residential parking, u meta din is-sistema daħlet fis-seħħ f'kull lokalità? Jista' jgħid ukoll jekk sarux talbiet sabiex din is-sistema tiddaħħal fil-lokalitajiet ta' Raħal Ġdid, Santa Luċija, il-Fgura u Ħal Tarxien, u x'kienet it-tweġiba għal kull waħda minn dawn it-talbiet?

23/06/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba tinstab fil-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 363.80.
Nikkonferma li bħal ħafna Kunsilli Lokali oħra, il-lokalitajiet imsemmija fil-mistoqsija talbu sabiex issir sistema ta' parkeġġ residenzjali fil-lokalità.
Il-bżonn li jiġi indirizzat il-parkeġġ f'Malta ma jistax jiġi biss affrontat fuq bażi individwali ta' lokalità. Din hija kwistjoni nazzjonali li teħtieġ politika u strateġija li tindirizza l-issue fil-pajjiż kollu, u mhux bħala suġġett singolari waħdu. Kien għalhekk li fil-manifest elettorali tal-Partit Laburista, li issa huwa l-pjan ta' ħidma tal-Gvern għal din il-leġiżlatura, qed issir enfasi fuq 'Malta in Motion'. Il-pjan għat-trasport integrat jinkludi bħala wieħed mis-sitt pilastri tiegħu il-politika nazzjonali tal-parkeġġi.
Dan għax il-parkeġġ irid jittieħed fil-kuntest tal-modijiet l-oħra kollha tal-mobbiltà, inklużi l-mixi u l-użu tar-roti. Il-politika nazzjonali tal-parkeġġi ser tiġi mfassla u implimentata fis-sentejn li ġejjin, bl-għajnuna importanti tal-Kunsilli Lokali. U fost affarijiet oħra li ser tkun qed tagħmel din il-politika, ser tippreskrivi l-metodu ta' kif isiru l-iskemi tal-parkeġġi residenzjali li ser ikunu parti integrali ta' din il-politika.

Seduta Numru 6
01/07/2026

**RAĦAL ĠDID - ĠNIEN PAWLU BOFFA - XOGĦLIJIET**

**103. L-ONOR. MICHAEL PICCININO** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienet l-istima oriġinali tax-xogħlijiet li qed isiru fi Ġnien Pawlu Boffa, f'Raħal Ġdid u jekk sarx xi xogħol b'mod temporanju, jew b'xi mod ieħor, li sussegwentement inqala' jew se jkollu jinqala'? Jekk iva, x'inhi r-raġuni għal dan? Jista' jgħid ukoll kemm hija l-ispiża addizzjonali tax-xogħol li kellu jew se jkollu jsir minħabba f'hekk?

23/06/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tlabt biex tinġabar l-informazzjoni.

Seduta Numru 6
01/07/2026

**ĦAL TARXIEN - XOGĦOL FIL-PJAZZA**

**104. L-ONOR. MICHAEL PICCININO** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid fiex wasal ix-xogħol fil-pjazza ta' Ħal Tarxien u kemm huwa stmat li se jiswa dan ix-xogħol? Jista' jgħid ukoll għaliex saret inawgurazzjoni ftit ġimgħat ilu, ladarba x-xogħol ma kienx għadu lest?

23/06/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninsab infurmat li sa issa ġie inawgurat xogħol fuq il-pjazza fin-naħa ta' quddiem il-knisja, illi nfetħet għall-użu tal-pubbliku, qabel iċ-ċelebrazzjonijiet tal-festa tar-raħal. Ix-xogħol li għaddej bħalissa minn Infrastructure Malta , huwa fuq il-pavimentar taz-zuntier, xogħlijiet ta' servizzi taħt l-art u ffurmar tat-triq, kif ukoll xogħol ta' pavimentar mal-ġnub tal-knisja u fil-parkeġġ żgħir fuq wara tal-knisja.

Seduta Numru 6
01/07/2026

**PBS - BULETTINI TAL-AĦBARIJIET - SOUND ON TAPE TA' POLITIĊI TAL-GVERN U TAL-OPPOŻIZZJONI**

**105. L-ONOR. MICHAEL PICCININO** staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm 'sound on tape' ta' politiċi tal-Gvern fil-bulettini tal-aħbarijiet tal-PBS u kemm kien hemm 'sound on tape' ta' politiċi tal-Oppożizzjoni, mill-1 ta' Ġunju 2025 sal-aħħar ta' Mejju 2026? Jista' jgħid ukoll min kienu dawn il-politiċi u f'liema dati xxandru?

23/06/2026

**ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA:** It-tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 6
01/07/2026

**L.S. 350.14 - PBS**

**106. L-ONOR. MICHAEL PICCININO** staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jgħid jekk matul l-aħħar sena, kienx hemm xi każ fejn il-PBS inforza jew ipprova jinforza l-artikolu 19.1 tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 350.14, "Ħtiġiet dwar standards u prattika li japplikaw għal bulettini tal-aħbarijiet u l-programmi ta' ġrajjiet kurrenti"? Jista' jgħid ukoll x'passi ttieħdu f'kull każ?

23/06/2026

**ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA:** It-tweġiba tingħata f'xi seduta oħra

Seduta Numru 6
01/07/2026

**FAĊILITÀ KORRETTIVA TA' KORDIN - FAĊILITAJIET SPORTIVI - UŻU GĦALL-PUBBLIKU**

**107. L-ONOR. MICHAEL PICCININO** staqsa lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il darba l-faċilitajiet sportivi tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin infetħu għall-użu tar-residenti ta' Raħal Ġdid minn meta saret l-attività tal-Kunsill Lokali fil-15 ta' Lulju 2025, li matulha tħabbar il-ftehim sabiex dawn il-faċilitajiet ikunu aċċessibbli għall-pubbliku? Jista' jgħid ukoll f'liema ġranet kienu aċċessibbli u kif wieħed għandu japplika sabiex ikun jista' jagħmel użu minnhom?

23/06/2026

**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-faċilitajiet sportivi tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin huma aċċessibbli għall-pubbliku kull nhar ta' Ġimgħa, wara li ssir applikazzjoni mal-Kunsill Lokali ta' Raħal Ġdid.

Il-faċilitajiet huma aċċessibbli, kif il-kunsill lokali jkunu f'pożizzjoni li jipproċessaw l-applikazzjonijiet għal tali użu, jkunu jistgħu jintużaw mill-komunità.

Seduta Numru 6
01/07/2026

**KNEJJES U KAPPELLI – RESTAWR – GĦAJNUNA FINANZJARJA**

**116. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jgħid liema knejjes u kappelli qed isir restawr fuqhom permezz ta' għajnuna finanzjarja minn dipartimenti jew awtoritajiet tal-Gvern? Jista' jgħid ukoll b'liema skemi qed isir dan ir-restawr?

23/06/2026

**ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA:** It-tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 6
01/07/2026

**SKEMI TAL-FIRST TIME BUYERS U TAS-SECOND TIME BUYERS**

**117. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-iskemi tal-First-Time Buyers u tas-Second-Time Buyers japplikawx għal min ikun wiret xi proprjetà jew sehem minn proprjetà; jew inkella jkun ingħata proprjetà jew sehem minn proprjetà permezz ta' donazzjoni?

23/06/2026

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-iskema tal-First Time Buyers, fejn applikant huwa eliġibbli għall-għotja ta' € 10,000 f'medda ta' 10 snin, tippermetti li persuna li wirtet jew ingħatat permezz ta' donazzjoni, art/airspace u li din tiġi mibnija permess ta' self mill-bank, tikkwalifika taħt din l-iskema. F'każ ta' meta applikanti jirtu jew jingħataw b'donazzjoni proprjetà, jistgħu jibbenefikaw biss jew isir xi xogħol permezz ta' self mill-bank.

Seduta Numru 6
01/07/2026

**SKRAPPJAR TA' VETTURI ELETTRIĊI (EVS) - FAĊILITAJIET**

**118. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il faċilità hawn għall-iskrappjar ta' vetturi elettriċi (EVs)? Jista' jgħid ukoll fejn tinsab kull waħda minn dawn il-faċilitajiet?

23/06/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 6
01/07/2026

**SKRAPPJAR TA' VETTURI ELETTRIĊI (EVS) - SPIŻA**

**119. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm hi l-ispiża għall-iskrappjar ta' vetturi elettriċi (EVs)?

23/06/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-prezzijiet sabiex vettura tiġi dismantellata f'faċilità tal-iskrappjar mhumiex regolati b'liġi.
Għaldaqstant, il-faċilitajiet tal-iskrappjar huma liberi li jistabbilixxu l-prezzijiet tagħhom fir-rigward tad-dismantling ta' vetturi, inkluż vetturi li jaħdmu bl-elettriku.

Seduta Numru 6
01/07/2026

**SPTAR ĠENERALI T'GĦAWDEX - IMPJEGATI ĠODDA**

**120. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm ġew ingaġġati impjegati ġodda fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex f'April, f'Mejju u f'Ġunju 2026, separatament għal kull xahar?

23/06/2026

**ONOR. IAN BORG:** L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 6
01/07/2026

**SPTAR ĠENERALI T'GĦAWDEX - IMPJEGATI ĠODDA**

**121. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew ingaġġati impjegati ġodda fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex f'April, f'Mejju u f'Ġunju 2026, separatament għal kull xahar?

23/06/2026

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 6
01/07/2026

**ĦAŻ-ŻABBAR - TRIQ ID-DLIELA - CULVERTS**

**134. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm water culverts fi Triq id-Dliela, f'Ħaż-Żabbar, u jekk hemmx il-ħsieb li dawn jiżdiedu, peress li r-residenti qed ikollhom il-problemi kull meta tagħmel ix-xita?

23/06/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed isiru pjanijiet li jinbena culvert (jew culverts) għall-ilma tax-xita. Bħalissa qed jiġu ċċekjati l-livelli tas-survey sabiex jiġi determinat jekk culvert wieħed ikunx biżżejjed u sabiex jiġi identifikat ukoll il-post addattat fejn għandu jinbena.

Seduta Numru 6
01/07/2026

**IL-BIRGU - TRIQ NESTU LAIVIERA - XOGĦLIJIET**

**135. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid meta se titlesta Triq Nestu Laiviera, fil-Birgu?

23/06/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħlijiet fi Triq Nestu Laiviera għandhom jitlestew sal-aħħar ta' Lulju ta' din is-sena.

Seduta Numru 6
01/07/2026

**ĦAŻ-ŻABBAR - TRIQ VILLABATE - ĠNIEN**

**136. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk hemmx ħsieb li jsir ġnien fi Triq Villabate, f'Ħaż-Żabbar?

23/06/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li Project Green diġà qed tevalwa l-possibbiltà li toħloq ġnien fiż-żona indikata.

Seduta Numru 6
01/07/2026

**ĦAŻ-ŻABBAR - TRIQ VILLABATE - ĠNIEN**

**137. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid jekk hemmx ħsieb li jsir ġnien fi Triq Villabate, f'Ħaż-Żabbar?

23/06/2026

**ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex tirreferi l-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 6
01/07/2026

**ASSISTENZA FUQ SERVIZZI DIĠITALI**

**138. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm persuni bbenefikaw mill-iskema tal-€500 għall-ġenituri ta' studenti tal-Year 10 u l-Year 11 biex jintefqu fuq servizzi diġitali? Jista' jgħid ukoll kemm kien hemm minnhom li għamlu użu minn din l-iskema?

23/06/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Il-Gvern kien u għadu impenjat li l-istudenti jibqgħu jkunu megħjuna fil-vjaġġ edukattiv tagħhom. Għalhekk filwaqt li l-istudenti mis-seba' sad-disa' sena tas-sekondarja ngħataw laptop biex jagħmlu użu minnu, l-istudenti tal-għaxar u l-ħdax-il sena ingħataw għotja ta' €500 skont kif imwiegħed fil-budget. Ninsab infurmat li sa issa kien hemm 8,477 student li rċieva l-assistenza msemmija, filwaqt li baqa' ftit mijiet ta' każi fejn din l-għotja għada qed tkun ipproċessata. L-għotja ngħatat bħala flus, u għalhekk l-istudenti li rċevewha setgħu jużawha mill-ewwel.

Seduta Numru 6
01/07/2026

**ASSISTENZA FUQ SERVIZZI DIĠITALI**

**139. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għaż-Żgħażagħ, il-Benesseri u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jgħid kemm persuni bbenefikaw mill-iskema tal-€500 għall-ġenituri ta' studenti tal-Year 10 u l-Year 11 biex jintefqu fuq servizzi diġitali? Jista' jgħid ukoll kemm kien hemm minnhom li għamlu użu minn din l-iskema?

23/06/2026

**ONOR. OMAR FARRUGIA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jagħmel il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 6
01/07/2026

**ALLOKAZZJONI TA' DJAR**

**150. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew allokati djar soċjali wara l-elezzjoni ġenerali ta' Mejju 2026 u jgħid jekk kienx hemm żieda fl-allokazzjonijiet matul dan il-perjodu?

23/06/2026

**ONOR. OWEN BONNICI:** L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 6
01/07/2026

## AKKOMODAZZJONI SOĊJALI - STENNIJA

**151. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm minn dawk li ngħataw akkomodazzjoni soċjali fi Frar, Marzu, April u Mejju tal-2026, kienu ilhom fuq il-lista ta' stennija:
(i) inqas minn sena;
(ii) bejn sena u tliet snin; u
(iii) aktar minn tliet snin?

23/06/2026

**ONOR. OWEN BONNICI:** L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 6
01/07/2026

## ALLOKAZZJONI TA' DJAR - ALLEGAZZJONIJIET TA' ABBUŻ JEW IRREGOLARITAJIET

**152. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il każ ġie investigat relatat ma' allegazzjonijiet ta' abbuż jew irregolaritajiet fl-allokazzjoni ta' djar soċjali matul Frar, Marzu, April u Mejju tal-2026?

23/06/2026

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li s-Sezzjoni tal-Infurzar fi ħdan l-Awtorità tinvestiga kull ilment li jidħlilha.

Seduta Numru 6
01/07/2026

## ALLOKAZZJONI TA' DJAR

**153. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il persuna tilfet jew ġiet revokata l-allokazzjoni tagħha ta' akkomodazzjoni soċjali matul Frar, Marzu, April u Mejju tal-2026 minħabba:
(i) informazzjoni falza;
(ii) bidla fid-dħul;
(iii) subletting illegali; u
(iv) nuqqas ta' konformità mar-regolamenti?

23/06/2026

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li huwa l-Kumitat tal-Allokazzjonijiet u Ad Hoc li jirrevedi u jivvaluta dawn il-każijiet. Infurmat li fil-perjodu msemmi, dan il-kumitat iddeċieda erbatax-il każ, li kienu kollha rigwardanti nuqqas ta' konformità mar-regolamenti. Infurmat li f'każ wieħed kien hemm ordni ta' żgumbrament.

Seduta Numru 6
01/07/2026

## AKKOMODAZZJONI SOĊJALI

**154. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm appartamenti jew proprjetajiet ta' akkomodazzjoni soċjali li bħalissa huma:
(i) vakanti;
(ii) taħt manutenzjoni;
(iii) jew mhux abitabbli?

23/06/2026

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-preżent, hemm:

(i) 47 proprjetà ta' akkomodazzjoni soċjali vakanti;
(ii) madwar 782 proprjetà ta' akkomodazzjoni soċjali li jinsabu taħt manutenzjoni; u
(iii) 156 proprjetà ta' akkomodazzjoni soċjali li bħalissa mhumiex abitabbli.

Fir-rigward tal-proprjetajiet li mhumiex abitabbli, għaddejjin l-investigazzjonijiet u l-evalwazzjonijiet meħtieġa sabiex jiġu identifikati l-interventi neċessarji biex dawn il-proprjetajiet jerġgħu jsiru abitabbli u jkunu jistgħu jerġgħu jiddaħħlu fl-istokk ta' akkomodazzjoni soċjali.

Seduta Numru 6
01/07/2026

**AWTORITÀ TAD-DJAR - SPEZZJONIJIET**

**155. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il spezzjoni saret mill-Awtorità tad-Djar sabiex jiġu verifikati li l-proprjetajiet allokati qegħdin jintużaw skont ir-regolamenti?

23/06/2026

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li minn Jannar sal-aħħar ta' Mejju tas-sena kurrenti kien hemm 555 spezzjoni.

Seduta Numru 6
01/07/2026

**KOPERATTIVI – KONTIJIET – SENA 2024 U 2025**

**401. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il koperattiva preżentat il-kontijiet tagħha għas-sena 2024 u kemm-il koperattiva preżentat il-kontijiet tagħha għas-sena 2025?

25/06/2026

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 6
01/07/2026

**IL-KNISJA TAL-FGURA - FLOODLIGHTS**

**402. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tara li jitranġaw il-floodlights li jixegħlu l-Knisja tal-Fgura, issa li qed toqrob il-festa, hekk kif dawn ilhom ġimgħat mitfijin?

25/06/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li l-installazzjoni msemmija ma saritx mill-Enemalta u li qatt ma rċeviet notifika 'STL' biex dawn il-floodlights jiġu regolati. Madankollu, fid-dawl li l-festa tal-Fgura tinsab viċin, infurmata wkoll li l-Enemalta għamlet kuntatt mal-Kunsill Lokali biex jissottometti l-applikazzjoni neċessarja biex dawn il-floodlights ikunu jistgħu jiġu mqabbdin.

Seduta Numru 6
01/07/2026

**ĦADDIEMA LI GĦANDHOM ’IL FUQ MINN 75 SENA – STATISTIKA**

**409. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista’ l-Ministru jipprovdi statistika tan-numru ta’ individwi li għandhom ’il fuq minn 75 sena li jaħdmu, f’dawn l-aħħar ħames snin?

25/06/2026

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 6
01/07/2026

**ĦADDIEMA LI GĦANDHOM ’IL FUQ MINN 80 SENA – STATISTIKA**

**410. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista’ l-Ministru jipprovdi statistika tan-numru ta’ individwi li għandhom ’il fuq minn 80 sena li jaħdmu, f’dawn l-aħħar ħames snin?

25/06/2026

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 6
01/07/2026

**PERSUNI JIRREĠISTRAW GĦAX-XOGĦOL LI GĦANDHOM INQAS MINN 21 SENA**

**411. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista’ l-Ministru jgħid kemm kien hemm persuni jirreġistraw għax-xogħol li għandhom inqas minn 21 sena, f’dawn l-aħħar ħames snin, maqsuma xahar b' xahar? Jista’ jgħid ukoll kemm minnhom kienu nisa u kemm minnhom kienu rġiel?

25/06/2026

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 6
01/07/2026

**ĦADDIEMA LI GĦANDHOM ’IL FUQ MINN 60 SENA – STATISTIKA**

**412. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista’ l-Ministru jipprovdi statistika tan-numru ta’ individwi li għandhom ’il fuq minn 60 sena li jaħdmu, f’dawn l-aħħar ħames snin?

25/06/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tlabt biex tinġabar l-informazzjoni.

Seduta Numru 6
01/07/2026

**ĦADDIEMA LI GĦANDHOM ’IL FUQ MINN 65 SENA – STATISTIKA**

**413. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista’ l-Ministru jipprovdi statistika tan-numru ta’ individwi li għandhom ’il fuq minn 65 sena li jaħdmu, f’dawn l-aħħar ħames snin?

25/06/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tlabt biex tinġabar l-informazzjoni.

Seduta Numru 6
01/07/2026

**ĦADDIEMA LI GĦANDHOM ’IL FUQ MINN 70 SENA – STATISTIKA**

**414. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista’ l-Ministru jipprovdi statistika tan-numru ta’ individwi li għandhom ’il fuq minn 70 sena li jaħdmu, f’dawn l-aħħar ħames snin?

25/06/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tlabt biex tinġabar l-informazzjoni.

Seduta Numru 6
01/07/2026

**BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ – CARAVANS LI QED JOKKUPAW IL-KOSTA**

**423. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid x'azzjoni ser tittieħed dwar il-caravans li qegħdin jokkupaw il-kosta ta' Baħar iċ-Ċagħaq, uħud b'mod permanenti, tant li saħansitra qed jinkrew b'mod kummerċjali, b'abbuż sħiħ tar-regolamenti?

25/06/2026

**ONOR. OWEN BONNICI:** L-Onor. Interpellant qiegħed jiġi mitlub jindika liema parti tal-kosta ta’ Baħar iċ-Ċagħaq qiegħed jirreferi għaliha.

Seduta Numru 6
01/07/2026

**BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ – CARAVANS LI QED JOKKUPAW IL-KOSTA**

**424. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid x'azzjoni ser tittieħed dwar il-caravans li qegħdin jokkupaw il-kosta ta' Baħar iċ-Ċagħaq, uħud b'mod permanenti, tant li saħansitra qed jinkrew b'mod kummerċjali, b'abbuż sħiħ tar-regolamenti?

25/06/2026

**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 6
01/07/2026

**BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ – CARAVANS LI QED JOKKUPAW IL-KOSTA**

**425. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid x'azzjoni ser tittieħed dwar il-caravans li qegħdin jokkupaw il-kosta ta' Baħar iċ-Ċagħaq, uħud b'mod permanenti, tant li saħansitra qed jinkrew b'mod kummerċjali, b'abbuż sħiħ tar-regolamenti?

25/06/2026

**ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel il-mistoqsija tiegħu lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 6
01/07/2026

**TNEĦĦIJA TA' KEEP CLEAR BOX**

**445. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid x'inhi r-raġuni għaliex tneħħiet il-1.5m Keep Clear Box li kienet tagħti aċċess għad-dar lil żewġ anzjani li joqogħdu fl-indirizz li d-dettalji dwaru qed jingħata separatament, fejn il-bankina hija anqas minn 60cm? Jista' jgħid ukoll x'rimedju ser tagħti Transport Malta f'dan ir-rigward?

26/06/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi, mill-informazzjoni li għandha Transport Malta, il-keep clear box imsemmija ma kinitx saret skont il-proċedura stabbilita t'awtorizzazzjonijiet neċessarji.
Din jidher li kienet saret f'triq dejqa fejn kien hemm bżonn li jitressaq parkeġġ li kien qed jostakola aċċess għal garaxx. Wieħed irid jinnota wkoll li l-introduzzjoni ta' keep clear box f'din iż-żona twassal għal telf ta' spazju ta' parkeġġ.
Jekk ir-residenti jixtiequ li tiġi kkunsidrata miżura sabiex ikun hemm aċċess aktar liberu quddiem ir-residenza tagħhom, għandhom iressqu talba lill-Kunsill Lokali rispettiv sabiex din tiġi mgħoddija lil Transport Malta għall-evalwazzjoni skont il-proċeduri applikabbli.

Seduta Numru 6
01/07/2026

**IŻ-ŻURRIEQ – TRIQ L-ARĊIPRIET E. MIFSUD – XOGĦLIJIET**

**446. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid meta ser jitlestew kompletament ix-xogħlijiet fi Triq l-Arċipriet E. Mifsud fiż-Żurrieq, waqt li jelenka liema huma x-xogħlijiet li jonqos isiru?

26/06/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħlijiet fi Triq l-Arċipriet E. Mifsud, Żurrieq, mistennija jitlestew fil-ġimgħat li ġejjin.
Bħalissa qed isiru xogħlijiet ta' kostruzzjoni ta' parking bays tal-konkos. Fadal isiru wkoll xogħlijiet tal-Enemalta f'parti waħda tat-triq, kif ukoll il-kostruzzjoni tal-bażi u l-asfalt tat-triq kollha.

Seduta Numru 6
01/07/2026

**IŻ-ŻURRIEQ – L-INĦAWI TAN-NIGRET – PROJECT PLAN**

**447. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jelenka l-project plan relatat max-xogħlijiet li qed isiru f'diversi toroq fl-inħawi tan-Nigret fiż-Żurrieq, li jkun jinkludi d-dati tal-bidu u t-tlestija ta' kull waħda mill-fażijiet tal-proġett għal kull triq fosthom Triq il-Parit, Triq il-Veduta, Triq il-Mitħna tal-Qaret, Triq il-Barrieri, Triq id-Dejqa, Triq il-Benedittina u Triq Żondadari u oħrajn li għadu ma bediex xogħol fuqhom?

26/06/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tlabt sabiex tingħabar l-informazzjoni.

Seduta Numru 6
01/07/2026

**IŻ-ŻURRIEQ – L-INĦAWI TAN-NIGRET – PROJECT PLAN**

**448. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru telenka l-project plan relatat max-xogħlijiet li qed isiru f'diversi toroq fl-inħawi tan-Nigret fiż-Żurrieq, li jkun jinkludi d-dati tal-bidu u t-tlestija ta' kull waħda mill-fażijiet tal-proġett għal kull triq fosthom Triq il-Parit, Triq il-Veduta, Triq il-Mitħna tal-Qaret, Triq il-Barrieri, Triq id-Dejqa Triq il-Benedittina, u Triq Żondadari u oħrajn li għadu ma bediex xogħol fuqhom?

26/06/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tali proġett fl-inħawi tan-Nigret, fiż-Żurrieq, qed isir f'kollaborazzjoni bejn il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma u Enemalta, biex isir titjib fin-network tal-ilma kif ukoll biex tkompli tissaħħaħ is-sistema tad-distribuzzjoni tal-elettriku fiż-żona. Il-proġett ġie ppjanat li jsir f'fażijiet u filwaqt li hemm partijiet fejn ix-xogħlijiet waslu biex jitlestew u daqt se jkun qed isirilhom wiċċ ġdid bl-asfalt, hemm toroq fejn ix-xogħol jinsab għaddej u oħrajn fejn għad irid jinbeda. Infurmata li l-proġett kollu huwa mmirat li jitlesta fl-aħħar kwart tas-sena.

Seduta Numru 6
01/07/2026

**BIRŻEBBUĠA – TREJQA QRIB ID-DAR TA' PULTU**

**449. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk l-Awtorità konċernata approvatx li jingħata l-konkos fi trejqa qrib id-Dar ta' Pultu, limiti ta' Birżebbuġa u f'każ li le, x'azzjoni ser tittieħed u sa meta?

26/06/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li fit-triq indikata ma sarux xogħlijiet mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma jew minn Enemalta.

Seduta Numru 6
01/07/2026